MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 278/2013

**Appell Nru. 278/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Ramon Mercieca)**
**Vs**
**Nadine Davies**

**Illum 19 ta' Frar, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanta [detentrici tal-karta tal-identita` numru 319172 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqset sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li tibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (3) id-denunzja/I li saret/u

dovuta/I fil-perjodu/I li ntemm/u fit-30 ta' Novembru 2004 sal-31 ta' Mejju 2005 u dan bi ksur tal-artikoli 27 u 76 (c) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Gunju, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 27 u 76 (c) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellanta hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkundannataha ghal multa ta' tmien mitt Ewro (€800).

Il-Qorti b'applikazzjoni ta' l-artikolu 76 ta' l-istess Kapitolu 406 ordnat lill-appellanta sabiex fi zmien tlett xhur tikkonforma ruhha mal-ligi u fin-nuqqas tehel multa ohra ta' hmistax Ewro (€15.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas li jghaddi l-imsemmi zmien ta' tlett xhur.

Rat ir-rikors tal-appellanta minnha pprezentat fl-14 ta' Gunju 2013, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha mill-akkuzi dedotti kontra taghha.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanta huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat "illi m'hemm l-ebda dubju li l-imputata rregistrat bhala sole trader: "Nadine Carbone trading as Dansezee"; lanqas ma hemm dubju li l-imputata qatt ma applikat ghal di-registrazzjoni jew biex il-Vat number jigi trasferit lil terzi. Dak li talbet l-imputata kien li jinbidel l-isem ta' l-addressee". Illi l-Qorti kienet korretta li fl-assusunzjoni taghha li l-appellanta applikat bhala sole trader pero ma qiesitx l-importanza kbira li

ghandha l-ittra li gie sottomessa u accettata mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Illi d-dipartiment meta rcieva l-ittra datata 16 ta' Lulju 2003 accetta li jbiddel l-isem tal-persuna u l-indirizz fejn jintbaghat id-denunzja. Il-procedura korretta hija li wiehed ghandu jimla formola apozita sabiex jinbidel indirizz pero ma tistax tinbidel ir-
referenza lejn il-persuna soggetta ghar-registrazzjoni ghal finijiet tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-persuna soggetta tinbidel permezz ta' formola ta' di-registrazzjoni. Pero f'dan il-kaz partikolari d-Dipartiment koncernat ma segwihx il-procedura korretta u a bazi ta' l-imsemmija ittra accetta li jbiddel il-persuna soggetta u l-indirizz fejn jinbaghatu d-denunzji ghal din ir-registrazzjorii partikolari. Meta d-dipartiment tat-taxxa fuq il-Valur Mizjud accetta din l-ittra l-appellanta serhet mohha li kollox gie pprocessat mid-dipartment u ghalhekk m'ghandha x'taqsam xejn ma din ir-registrazzjoni.

Illi l-verita` hija li d-dipartiment beda jirrikonoxxi lil Damian Borg Nicholas bhala l-persuna koncernata u dan a bazi tal-fatt li d-denunzji kienu ndirizzati lejh bl-indirizz tieghu stess. Meta Damian Borg Nicholas naqas li jhallas ammont dovut fuq denunzja, d-dipartiment dar fuq l-appellanta ghax irrikonoxxa li ghamel zball procedurali billi accetta l-ittra datata 16 ta' lulju 2003;

Illi d-dipartiment messu qatt ma accetta din l-ittra ghaliex kien hemm diversi formoli sabiex wiehed jimla biex jinbidlu l-affarijiet kif xtaqet l-appellanta. Pero meta d-dipartiment sanzjona dik l-ittra u accetta li jsiru t-tibdiliet rikjesti dan l-izball ma kellhiex titghabba mill-appellant f'stadju meta hija ma kellhiex kontroll fuq l-operat kummercjali.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti sostniet li minkejja li d-dipartiment ghamlet dawn it-tibdiliet a bazi ta' l-imsemmija ittra "l-imputata tibqa persuna registrata b'l-obbligu li tissottometti d-denunzji tal-VAT (bil-hlas kollu dovut) relattivi ghall-attivita ekonomika registrata f'isimha." Illi din id-dikjarazzjoni hija wahda perikoluza u tista tkun precedent f'kazijiet simili ta' VAT li jista jwassal ghal

abbuz serju fl-obbligi relatatti ma VAT. Il-Qorti qeghda taccetta li kwalunkwe individwu jista jibghat ittra lid-Dipartiment tal-VAT ghal tibdil fl-isem u l-indirizz tal-persuna responsabli pero r-responsibilita tibqa fuq il-persuna li originarjament applikat ghar-registrazzjoni. Ovjament dan jista jwassal ghal abbuz serju u ghalhekk hemm formoli apozita sabiex
jigi evitat abbuz jew malintiz kif sehh f'dan il-kaz partikolari. Pero jekk id-dipartiment
jaccetta u ghalhekk jissanzjona tali ittra, huwa d-dipartiment stess li ghandu jerfa r-responsabilita ta' dik id-decizjoni.

L-ewwel Onorabbli Qorti qalet ukoll li "anke kieku gie pruvat li l-firma fuq id-denunzja
hija ta' Borg Nicholas dan il-fatt wahdu ma jfissirx li r-registrazzjoni giet trasferita f'ismu u li issa huwa responsabbli ghall-obbligi tal-persuna registrata li tibqa l-imputata imma dan il-fatt ifisser li huwa qed jiddikjara li l-informazzjoni mghotija fid-denunzja hija korretta." Illi l-ewwel nett minn din id-dikjarazzjoni l-Qorti taghti x'tifhem li ghandhiex provi bizzejjed sabiex tikkonferma l-veracita tal-firma ta' Damian Borg Nicholas. Illi bir-rispett kollu dawn id-dokumenti gew ipprezentati mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk wiehed jassumi li huma jaqblu li l-kontenut fid-denunzji ffirmati minn Damian Borg Nicholas huma veritjeri u m'humiex foloz. Ghalhekk quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kienx hemm il-htiega li jipprova jekk dawn id-dokumenti huwa foloz jew le. Apparti l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet referenza biss ghal firma ta' Damien Borg Nicholas. Wiehed irid jaghmel referenza ukoll ghad-
dettalji tieghu li jinsab fuq nett tad-Denunzja li jindika b'mod car lilu biss u l-indirizz tieghu minghajr ebda referenza ghall-appellanta. Ghalhekk kif jista wiehed jkompli jishaq li hemm ness ta' responsabilita bejn l-appellanta u d-dipartiment. In-ness gie kancellat mid-dipartiment u ghalhekk huwa ghandu jerfa din ir-responsabilita.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fit-23 t'April ta' l-2012, Nadine Davis applikat ghar-registrazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-valur mizjud bl-isem “Nadine Carbone Trading as Dansezee” i termini ta' l-Artiklu 10 (5) tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi hija dahlet ghal din ir-registrazzjoni minhabba il-fatt li zewgha Glyn Davis kien jiggestixxi l-kummerc relatat ma' din ir-registrazzjoni li kienet tikkonsisti fid-disinn u pubblikazzjoni ta' magazine. Ftit wara r-registrazzjoni, l-appellanta bdiet proceduri ta' separazzjoni minn ma' zewgha Glyn Davis u konsegwentement ma kelliex izjed interess fl-attivita kummercjali u fis-16 ta' Lulju ta' l-2003, huwa John Carbone illi kien parti mill-istruttura manigerjali ta' din l-azjenda, kiteb lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur mizjud fejn huwa talab illi l-korrispondenza kellha tigi ndirizzata lil persuna ohra. Il-kliem testwali “We would also like to change the name of the addressee to Mr. Damian Borg Nicholas holder of Identity card 471964 (M) residing at Il-Garra, Triq il-Gallina, San Gwann as Director of partnership. Correspondence is still to be sent to the registered address.” Wara dik l-ittra, jidher li l-azjeda kummercjali baqghet topera ghal xi snin izda jidher li ghad illi dahlu xi formoli, il-hlasijiet baqghu ma sarux u quindi ghal fini tad-Dipartiment, dan huwa nuqqas kontra l-att dwar it-taxxa fuq il-valur mizjud. B'sentenza moghtija fis-6 ta' Gunju ta' l-2013, il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellanta hatja ta' l-akkuza u kkundannata ghal multa ta' €800 u ordnatilha illi fi zmien tlett xhur tikkonforma ruhha mal-Ligi taht penali ta' €15 kuljum. Nadine Davis hassitha aggravata minn din is-sentenza u minnha interponiet appell, fejn l-ggravju principali taghha kien ghal fatt illi fil-waqt illi l-ewwel Qorti kienet korretta fl-assunzjoni taghha, illi l-appellanta applikat bhala sole trader pero ma qisetx l-importanza kbira li kellha tinghata lill-ittra tas-16 ta' Lulju ta' l-2003 li giet accetta mid-Dipartiment tat-taxxa fuq il-valur mizjud. Argumentat illi la darba d-Dipartiment accetta din l-ittra minghajr riservi, u fil-fatt ikkorrisponda ma' Damian Borg Nicholas, skond l-istruzzjonijiet ta' l-istess ittra, dan kien ifisser li d-Dipartiment kien qed jaccetta lil Damian Borg Nicholas bhala soggetta ghar-registrazzjoni ghal finijiet tal-Kapitlu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u ma jistax issa idur fuq l-appellanta Nadine Davis.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti jidrilha illi l-appellanta m'ghandix ragun fl-argumenti taghha. Jibda biex jinghad illi l-ittra tas-16 ta' Lulju ta' l-2003 mhi xejn hlief notifika ghal bdil ta' indirizz. Nadine Davis ma tiffigora mkien u lanqas qeghdha tghid illi qeghdha tirrinunzja ghar-registrazzjoni taghha. Id-de registrazzjoni trid issir fuq formula li d-Dipartiment ghandu sabiex jirrikonoxxi d-de registrazzjoni ta' persuna. Din qatt ma saret u ghalhekk l-appellanta baqghet il-persuna rikonoxxuta mad-Dipartiment. Terga' u tghid l-VAT number moghti lilha ma jistax jigi trasferit lil haddiehor u fl-ittra tas-16 ta' Lulju ta' l-2003, Damien Borg Nicholas imkien ma jitlob tali trasferiment. L-appellanta kienet rregistrata mad-Dipartiment i terminu ta' l-Artiklu 10 (5) tal-Kapitlu 406 tal-Ligijiet ta' Malta. Din ir-registrazzjoni tibqa' vigenti sakemm ikun hemm de registerazzjoni formali kif jitlob l-istess Dipartiment, haga illi l-appellant Nadine Davis qatt m'ghamlet. Din il-Qorti tabel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti illi "Mill-provi akkwistati f'dan il-process ma jirrizultax illi dan Damien Borg Nicholas accetta li dik ir-registrazzjoni tigi trasferita f'ismu jew li huwa assuma r-responsabbilita' ghal dik ir-resgistrazzjoni." Din il-Qorti zzid illi billi d-denunzji tal-VAT bdew johorgu f'isem Damien Borg Nicholas u jintbghatu fl-indirizz indikat fl-ittra tas- 16 ta' Lulju ta' l-2003, ma jbiddlux il-pozizzjoni legali ta' l-appellanta versu d-Dipartiment.

U ghalhekk l-ewwelQorti fuq il-provi illi kellha quddiemha, setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------